# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali
# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

**Il-Pulizija**
**(Spettur Darryl Buhagiar)**
**(Spettur Eman Hayman)**

**Vs**

**Leigh Angelo Macer Bishop**

**Illum, 12 ta`Frar, 2025**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra **Leigh Angelo Macer Bishop** bin Roger Bishop u Jane nee' Chetcuti imwieled l-Ingilterra fil-15 ta' Mejju, 1974 u residenti 2, Maison Von Bullen, Sqaq Sidtna tal-Mirakli, Zabbar detentur tal-karta tal-identita' numru 263799 M akkuzat talli nhar l-19 ta' Jannar, 2018 ghal habta ta' 08:30 am fi Triq il-Menhir Marsascala;

1. Hebbejt kontra il-persuna ta' Vickilyn Schembri sabiex tingurja, iddejjaq jew taghmel hsara lill-imsemmija persuna;
2. Insulentajt u heddidt lil Vickilyn Schembri jew jekk kont provokat, ingurjajt b' mod li hrigt mil-limitu tal-provokazzjoni;
3. U aktar hebbejt ghal Vickilyn Schembri u kkagunajtilha griehi ta' natura hafifa fuq l-imsemmija persuna hekk kif iccertifika Dr M. Abela (MD 1852);
4. Kif ukoll bil-hsieb li taghmel delitt, urejt il-hsieb b' atti esterni u tajt bidu ghall-ezekuzzjoni ta' delitt, meta b' ikel, b' xorb, b' medicini jew b' kull mezz iehor,

ikkagunajt jew pruvajt tikkaguna l-abort ta' mara tqila, sew bil-kunsens kemm ukoll minghajr il-kunsens taghha.

Rat li fis-seduta tal-23 ta' Marzu, 2018 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Seduta tal-Familja, il-Qorti diversament preseduta ordnat li d-depozizzjoni tax-xhud tigi sospiza. Il-prosekuzzjoni talbet korrezzjoni fl-att ta' l-akkuza billi jizdiedu akkuza taht l-artikoli 41 u 241 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti laqghet it-talba. Peress illi l-piena massima tezorbita l-kompetenza ordinarja ta' din il-Qorti, astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din il-kawza, bghatet l-atti lir-Registratur tal-Qorti, sabiex jigu registrati bhala kumpilazzjoni u jigu riassenjati lill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja.

Rat li fis-seduta tat-23 ta' Marzu, 2018 l-Qorti ordnat li jinhareg Ordni ta' Protezzjoni at termini tal-Artikolu 412C tal-Kap. 9 favur il-parti leza, pendenti dawn il-proceduri.

Rat li din il-kawza giet assenjata lil dina l-Qorti kif preseduta.

Rat li fis-seduta tal-26 ta' Gunju, 2018 Dr Francois Dalli pprezenta nota sabiex jigi assenjat bhala *parte civile*.

Rat li gie prezentat mill-Prosekuzzjoni l-kunsens tal-Avukat Generali sabiex l-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja.

Rat li l-imputat wiegeb mhux hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu.

Semghet ix-xhieda bil-gurament ta' Vicky Lynn Schembri fis-seduta tas-26 ta' Gunju, 2018; ta' Dr Maurice Mario Abela fis-seduta tas-26 ta' Gunju, 2018; ta' Terrence Scott fis-

seduta tas-26 ta' Gunju, 2018; ta' PS Alfred Cachia fis-seduta tal-12 ta' Novembru, 2019 prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Rat li l-Prosekuzzjoni iddikjarat li l-provi taghha huma maghluqa fis-seduta tat-12 ta' Novembru, 2019.

Rat li fis-seduta tal-30 ta' Jannar, 2024 id-difiza iddikarat li ma ghandiex provi.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-artikoli 339(1)(d), 339(1)(e), 221 (1), 41 u 241 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti, d-dokumenti u x-xhiedha kolla a dispozizzjoni taghha,

Ikkunsidrat,

**Provi tal-prosekuzzjoni**

**Affidavit ta' PS 1593 A. Cachia** ezebit mat-tahrika tal-kawza. Nhar 19 ta' Jannar, 2018 ghall-habta ta' 21:45hrs dahal rapport minghand Vickilyn Schembri fl-ghassa ta' Rahal Gdid fejn irrapportat li fir-residenza taghha fi Triq il-Menhir, Marsascala kien hemm argument bejna u l-imputat fejn l-imputat imbuttaha u beda' jaghtiha bis-sieq. Hija stqarret li kellu sikkina f' idejh u ggarbet xi grief f' idejha. Hija rrapportat li tkisser il-mobile taghha. Hija stqarret li hija ghandha seba gimghat tqala u skont hi l-intenzjoni tal-imputat kien li tkorri t-tarbija u li offrielha u gieghla tixtob sustanzi biex tkorri pero' hija rrifjutat li taghmel dan. Hija marret l-ghassa ta' Rahal Gdid wara li marret fic-Centru tas-Sahha.

Il-Pulzija ta' Haz-Zabbar gew infurmati bir-rapport u marru fir-residenza fejn gie mitkellem l-imputat. Huwa stqarr mal-pulizija li kien ilu ma jara lil Vicklyn mill-Hadd ta' qabel. Stqarr li illi huwa vera li kienu qed jilletikaw fuq messenger izda ma kienx veru li hebb ghalieha.

Wara Vickilyn irrapportat l-ghassa tal-Pulziija ta' Haz-Zabbar u pprezentat certifikat mediku mahrug minn Dr Mario M Abela (MD 1852) minn fejn irrizulta li kienet qed issofri minn griehi ta' natura hafifa. Qalet li hemm CCTV gewwa Triq il-Qaliet li forsi tidher il-vettura ta' Leigh ghaddejja u wara l-vettura taghha.

**Vicky Lynn Schembri**, il-parte civile, xehedet fis-seduta tas-26 ta' Gunju, 2018[1]. Tixhed li nhar id-19 ta' Jannar, meta kienet hierga ghax-xoghol, nizlet it-tarag tad-dar u kif giet biex tiftah il-bieb ta' barra bil-push button, l-imputat, li qed tghraf fl-awla, tefghala l-bieb il-gewwa, tefaghha mal-art, qabadha minn xaharha u qabad issawwatha. L-imputat huwa l-ex sieheb taghha. Tkompli tixhed "*prattikament qalli li kien qieghed hemm bl-intenzjoni li t-tarbija li jiena pregnant biha kienet ha tkun dak in-nhar l-ahhar li qieghed hawn. F' idejh kellu s-sikkina, inexxieli nnehiehlu, ippruvajt nitla' t-tarag, beda jzommni halli ma niccaqlaqx u hareg flixkun zghir u ridni nixorbu apparently skont hu kien hemm xi haga biex inkorri." . . .. "qalli biex niehu dan biex nehles il-baby."*

Dak iz-zmien kellha seba xhur tqala. It-tarbija hija ta bejnha u l-imputat. L-imputat kien jaf li kienet tqila u sahansitra gie maghha ghal vizta ghand it-tabib.

Tixhed li "*Just f' daqqa wahda, just pogga bil-qieghda u like qalli halli nikellmuhom l-affarijiet."* Tixhed li qallha li jekk kienet ser titkellem kienet ser tigi aghar. Telqghet ghax-xoghol. Ma marritx l-ghassa dak il-hin ghaliex bezghat li kien warajja bil-karozza u marret taghmel rapport l-Ghassa ta' Rahal Gdid wara x-xoghol wara li marret il-poly clinic.

Il-griehi li soffriet kienu tbengil. Is-sikkina li semmiet qabel gaba mieghu u hada mieghu.

Mistoqsija mill-Qorti biex tiddiskrivi s-sikkina tirrispondi li kienet ftit iktar minn ghaxar centimetri bil-manku, *two sided blade*. Bil-manku kbira qisu sbatax jew tmintax il-centimetru meta ikkalulat fuq riga.

[1] Fol 22 sa 44

Ix-xhud tezebixxi certifikat tat-tabib u zewgt ritratti (fol. 46 u 47). Dawn ir-ritratti hadithom hi stess u huma wahda ta' left arm (fol 46) u right leg (fol 47).

Wara li ghamlet ir-rapport kellhom seduta il-Qorti tal-Familja u ghamulu garanzija u minn hemmhekk hallieha kwieta.

Fuq il-griehi li garbet tirrispondi

"Dr Francois Dalli: mela spjega lil Qorti again, inti kif kont, hu beda jsawtek inti fejn kont ma' l-art?

Vicky Lynn Schembri: prattikament wara l-bieb ta' barra, ghandek indana ta' qisu one meter by two u jibda' t-tarag so ma tantx stajt nahrab minnu ghax as you can see, qed tara daqs xiex fih.

. . . . omissis . . .

Qorti: fejn tak id-daqqiet?

Vicky Lynn Schembri: l-iktar li kelli fil-fatt ir-ribs ghalhekk spiccajt hekk.

Qorti: ghaliex idejk spiccat hekk?

Vicky Lynn Schembri: as in it-tbengil ghax bdejt nipprova nilqa' b' idi."

Fuq il-flixkun li hija xehedet li riedha tixrob tixhed li hu qalla li kienet sustanza. Il-flixkun kien kien tal-plastic u zghir ma tafx x' kien fih ghax hu gabu mieghu. Ma qalliexx' kienet is-sustanza u ma hadithiex. Tixhed

"Qorti: imma qallek ha hudu jew qallek gaghlek? X' gara ezatt?

Vicky Lynn Schembri: le. Just beda jghidli biex nixorbu biex nehles mill-baby."[2]

Dan gara wara li sawwatha. Il-flixkun hadu mieghu.

---

[2] Fol. 37

Wara dan kollu hu telaq minn jeddu, ha l-affarijiet li gab mieghu. L-imputat hareg warajja sa l-karozza ghax kellha tmur ghax-xoghol. Stennieha tidhol fil-karozza taghha u rikeb il-karozza tieghu li kienet ipparkjata fit-triq stess. Sa nofs it-triq lejn Haz Zabbar kienet ghada qed tarah isuq warajha.

Wara x-xoghol kienet cemplet lil habib taghha, Terrence Scott biex jigi ghalieha. Qalet lil din il-persuna x' gara u gie maghha ghand it-tabib u l-ghassa biex taghmel ir-rapport.

In kontro-ezami tirrispondi li hi u l-imputat kienu ilhom f' relazzjoni minn Awwissu tas-sena 2017. Hemm proceduri ohra apparti din kontriha ghaliex saru rapporti kontriha mill-imputat.

Tikkonferma li wara li gara l-akkadut mertu ta' dawn il-proceduri huma hargu mid-dar flimkien. L-incident sehh xi tmienja u nofs ta' filghodu. Marret ghax-xoghol u harget mix-xoghol fis-sitta u nofs u wara marret il-polyclinic u l-ghassa.

**It-Tabib Dr Maurice Mario Abela** xehed fis-seduta tas-26 ta' Gunju, 2018. Jezebixxi certifikat mediku mahrug minnu fis-19 ta' Jannar, 2018 fid-disgha u ghoxrin ta' filghaxija (Dok MMA, fol. 51). Ezamina lil Vicky Lynn Scicluna fic-centru tas-sahha ta' Rahal Gdid. Huwa ccertifika li kien hemm tbengil fuq in-naha ta' barra tad-driegh tax-xellug u fuq in-naha ta' barra ta' d-driegh tax-xellug u fuq in-naha ta' quddiem ta' l-koxxa ta' l-lemin u s-sensittivita' jigifieri ugiegh fuq il-kustilji ta' isfel ta' n-naha ta' x-xelluq fejn quddiem u l-gemb. Huwa jikkonferma li r-ritratti ezebiti Dok VLS 1 Dok VLS 2 huma kompattibbli mat-tbengil certifikat minnu.

Fic-certifikat hemm imnizzel li allegatament ghandha seba' gimghat tqala pero' ma kellha l-ebda' ugiegh f' zaqqha jew xi demm jigifieri emoragija mill-parti taghha.

In-natura tal-griehi huma ta' natura hafifa sakemm ma jinqlghux kumplikazzjonijiet (Dok. MMA 1, fol. 51)

**Terrence Scott** xehed fis-seduta tas-26 ta' Gunju, 2018. Hu kien xoghol meta cemplitlu Vicky Lynn Schembri u qaltlu li kien dahal l-imputat, li qed jaghraf fl-awla, id-dar. Meta cemplitlu hija kienet ix-xoghol gewwa Haz Zabbar u qallha biex ma ticcaqlaqx minn fejn

kienet u x' hin jispicca xoghol jghaddi ghalieha. Cemplitlu ghal habta tal-ghaxra ta' filghodu minn fuq il-mobile tal-boss taghha. Ma qaltlux biex imur ghalieha dak il-hin. Meta mar ghalieha fil-ghaxija mar maghha l-polyclinic u l-ghassa.

Mistoqsi kif kienet tinstema meta cemplitlu jirrispondi li kienet tinstema ippanikjata.

Meta mar ghalieha fil-karozza urietu l-marki li kellha f' idejha, tbengila fuq in-naha ta' fuq ta' dirghaja. Aktar tard meta wassalha d-dar urietu t-tbengila ta' fuq kuxtejha. Jikkonferma li t-tbengil li raha huma dawk tar-ritratti Dok VLS 1 u VLS 2 ezebiti. Jixhed li "alla volja ma kienx jihder tbengil imma kienet qed tghid li kien qed juguha genbha, l-kustilji fil-fatt ghal xi zmien wara kienet ssibha difficli hafna biex taqfel zarbun ghax ma tistax titghawweg.

In kontro-ezami jirrispondi li hu u l-parti civile jghixu flimkien. Jixhed li ghal bidu l-*parte civile* ma rieditx taghmel ir-rapport ghaliex kienet imbezza u li kien hu li konvincieha.

**PA 1593 Alfred Cachia** xehed fis-seduta tat-12 ta' Novembru, 2019. Ix-xhieda tieghu tirrifletti l-affidavit redatt minnu. Ix-xhud jipprezenta r-rapport NPS 4/H/213/2018 (Dok. AC)

In kontro-ezami jirrispondi li meta l-parte civile giet l-ghassa kienet akkumpanjata minn zewgt ihbieb. Ma jistax jghid fuq meta kienet marret l-ghassa ta' Rahal Gdid.

Ikkunsidrat

Fil-kamp kriminali u apparti li minn jallega irid jipprova, l-livell ta' prova li trid tilħaq id-difiża hija dik tal-probabbli, filwaqt li l-livell tal-Prosekuzzjoni hija livell għola u cioe' 'l ħinn kull dubju dettat mir-raġuni. 'Hearsay evidence' hija ukoll mhux ammessa bhala prova u l-prosekuzzjoni għandha ttella l-aqwa prova.

Issir referenza ghas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Peter Ebejer[3] , fejn ġie riaffermat illi l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda

[3] Deciza 5 ta' Dicembru 1997

ombra ta' dubju, għaliex l-ombra ta' dubju ma jistax jitqies li huwa dubju li huwa dettat mir-raġuni. Fi kliem ieħor, dak li l-ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u dejjem bl-applikażżjoni tal-buon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni[4].

Illi kif ingħad ukoll f' diversi sentenzi fosthom Il-Pulizija v. Ali Mohammed Ali Alturouq[5], il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) riteniet

> "20. U huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih."

Ikkunsidrat

**Dwar l-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjoni.**

Mix-xhieda tat-tabib Dr Maurice Maurice Abela li ezamina lil parte civile fid-19 ta' Jannar, 2018 fid-disgha u ghoxrin ta' filghaxija (9:20 pm) huwa ccertifika li l-*parte civile* sofriet griehi ta' natura hafifa.

It-tabib iccertifika li kien hemm tbengil fuq in-naha ta' barra tad-driegh tax-xellug u fuq in-naha ta' barra ta' d-driegh tax-xellug u fuq in-naha ta' quddiem ta' l-koxxa ta' l-lemin u s-sensittivita' jigifieri ugiegh fuq il-kustilji ta' isfel ta' n-naha ta' x-xelluq fejn quddiem u l-gemb u li dawn il-griehi huma kompatibbli mar-ritratti tat-tbengil ezebit in atti.

---

[4] Lord Denning fil-każ Miller vs Minister of Pension (1974 - 2 ALL ER 372), fir-rigward tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt' qal awtorevolment:- "Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong aġainst a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but notħing shall of that will suffice.
[5] Qorti tal-Appell (Inferjuri), Appell Nru. 17/2021, decizia 24.06.2021

Fix-xhieda taghha l-parte civile allegat li fil-ghodu qabel ma telqet ix-xoghol ghal habta tat-8:30 am l-imputat fost affarijiet ohra imbotta l-bieb ta' barra tefaghha mal-art, qabadha minn xaharha u qabad issawwatha.

Hija allegat ukoll li l-imputat kellu sikknina ta' madwar ghaxar centimetri u li kienet 'two sided blade'. Fix-xhieda taghha hija tghid li "*F' idejh kellu s-sikkina, inexxieli nnehiehlu*" pero' la fir-ritratti ezebiti u l-anqas fir-rapport mediku ma kien hemm griehi kompatibbli ma qata jew grief li setghu jigu ikkagunati b' sikkina.

Il-parte civile tixhed ukoll li l-imputat kissrilha l-mobile imma ma giet ipprezentanta ebda' prova li jipprova li kien hemm hsara fil-mobile.

Wara li gara l-allegat incident il-parte civile xehdet li l-partijiet hargu flimkien mid-dar, hi marret bil-karozza taghha u l-imputat mar bil-karozza tieghu lejn id-direzzjoni ta' Haz Zabbar. Xehdet li hija kienet imbezza ghaliex l-imputat kien fit-triq taghha imma sussegwentement tghid li f' nofs triq ma baqghetx tarah.

Il-*parte civile* marret ghax-xoghol u skont ix-xhud Terrence Scott ghal habta tal-ghaxra ta' fil-ghodu cemplittlu allegatament mit-telephone tal-boss taghha li ma xehdeitx f' dawn il-proceduri. Ma hemm ebda' prova li jikkonferma li saret telefonata fl-ghaxra ta' filghodu ghajr ghax-xhieda ta' Terrence Scott u l-parte civile. Fuq din it-telefonata l-parte civile xehdet li ghamlitha wara li spiccat mix-xoghol.

Wara li l-parte civile spiccat il-gurnata tax-xoghol taghha sas-sitta u nofs ta' filghaxija marret il-poliklinika ta' Rahal Gdid, giet invistata mit-tabib fid-9:20 pm ta' filghaxija, u sussegwentement marret l-ghassa ta' Rahal Gdid taghmel rapport akkumpanjata minn Terrence Scott.

Mill-banda l-ohra, l-imputat li ghazel li ma jixhiedx f' dawn il-proceduri u meta gie mitkellem innega mal-pulizija li huwa ltaqa' mal-parte civile dawk l-ahhar jiem u l-argumenti li kien hemm bejniethom kienu skont hu permess tal-messenger.

L-anqas ma tellghet prova, permezz ta' CCTV footage jew xhieda okulari li l-imputat kien fl-akkwata tar-residenza taghha fil-hin tal-allegat incident.

Fid-dawl ta' dak espost aktar l-fuq qed jigi kunsidrat li ma l-akkuzi dedotti kontra l-imputat ma gewx pprovati sal grad rikjest fil-ligi.

Ikkunsidrat,

**Dwar ir-raba' imputazzjoni**

l-imputat gie akkuzat talli "bil-hsieb li jaghmel delitt, urejt il-hsieb b' atti esterni u tajt bidu ghall-ezekuzzjoni ta' delitt, meta b' ikel, b' xorb, b' medicini jew b' kull mezz iehor, ikkagunajt jew pruvajt tikkaguna l-abort ta' mara tqila, sew bil-kunsens kemm ukoll minghajr il-kunsens taghha."

Originarjament l-imputat kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Seduta tal-Familja, akkuzat bl-ewwel tlett imputazzjonijiet li gew trattati aktar il-fuq f' din is-sentenza. Fis-seduta tal-23 ta' Marzu 2018 wara li xehdet Vickylyn Schembri, il-Qorti diversament preseduta ordnat li d-depozizzjoni tax-xhud tigi sospiza. Il-prosekuzzjoni talbet korrezzjoni fl-att ta' l-akkuza billi jizdiedu akkuza taht l-artikoli 41 u 241 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Qorti kif preseduta laqghet it-talba, astjeniet milli tiehu konjizzjoni tal-kaz u bghatet l-atti lir-Registratur tal-Qorti, sabiex jigu registrati bhala kumpilazzjoni u jigu riassenjati lill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja.

Illi l-unika prova li hemm fuq dan il-kap hija x-xhieda tal-istess parte civile li fuq din l-imputazzjoni xehedet "*prattikament qalli li kien qieghed hemm bl-intenzjoni li t-tarbija li jiena pregnant biha kienet ha tkun dak in-nhar l-ahhar li qieghed hawn. F' idejh kellu s-sikkina, inexxieli nnehiehlu, ippruvajt nitla' t-tarag, beda jzommni halli ma niccaqlaqx u hareg flixkun zghir u ridni nixorbu apparently skont hu kien hemm xi haga biex inkorri." . . .. "qalli biex niehu dan biex nehles il-baby."*

Fix-xhieda taghha hija tghid li x' kien fih il-flixkun hija ma setghetx tghid ghaliex bhas-sikkina l-imputat hadhom mieghu. Deskrivietu bhala flixkun zghir.

"Qorti: imma qallek ha hudu jew qallek gaghlek? X' gara ezatt?

Vicky Lynn Schembri: Ie. Just beda jghidli biex nixorbu biex nehles mill-baby." (fol. 37)"

Il-Qorti wara li fliet ix-xhieda taghha u b' zieda tal-kunsiderazzjonijiet maghmula aktar il-fuq ma tqisx li l-parte civile hija kredibbli aktar u ghalhekk minhabba konflitt fil-provi ser tghaddi biex tillibera lil imputat minn din l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu.

Decide

Ghaldaqstant l-Qorti wara li rat l-339(1)(d), 339(1)(e), 221 (1), 41 u 241 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.issib lil imputat **Leigh Angelo Macer Bishop** mhux hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u tillberah minn kull htija u piena.

Il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**